TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1423

Kaz Nru 1719

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alan Bonnici

u

The Waterfront Hotel Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Illum 22 ta' Lulju, 2003

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 24 ta' Ottubru, 2002 Referenza : MSP/TI/100/2002 biex tigi processata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Alan Bonnici li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avukat Martin Fenech u ghall-Kumpanija The Waterfront Hotel Ltd., deher is-Sur Saviour Portelli assistit mill-Avukat Louis Thompson.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant jghid, li kien ilu jahdem mal-lukanda ghal dawn l-ahhar sentejn, u parti mid-dmir tieghu kien li jiehu hsieb il-minibars tal-kmamar. Huwa jkompli jghid li xi ftit ta' zmien ilu, xi l-ghaxra ta' fil-ghodu meta kien qed jghamel il-minibars, ftakar li ried jghamel telefonata importanti lill ommhu. Huwa jghid ukoll, li peress li wahda mir-regoli li ghandhom fil-lukanda hi li ma jistghux ikollhom mobile waqt il-hin tax-xoghol, ghamel telefonata min kamra fil-lukanda ghax haseb li ma kienx hemm ir-residenti.

Fl'istqarrija tal-kaz tieghu huwa jkompli jghid li f'dik il-gurnata stess, x'hin kien hiereg kellmu l-Assistant General Manager, u staqsieh jekk kienx ghamel xi telefonata mill-kamra 711. Huwa jghid li infixel u wiegeb li ma kienx ghamel telefonati. Huwa jghid ukoll, li jumejn wara kien qed jahdem bhas-soltu u l-Food and Beverage Manager staqsieh jekk kienx ghamel xi telefonata mill-kamra 711. Hawnhekk l-appellant wiegeb iva, u waqt li skuza ruhu qallu li kienet telefonata importanti.

L-appellant ikompli jghid, li wara xi gimgha il-Food and Beverage Manager qallu li il-General Manager ried ikellmu fl-ufficcju tieghu. F'din il-laqgha l-appellant gie infurmat mill-General Manager li dan kien zball gravi u ghaldaqstant jew kellu jirrezenja jew jitkecca mill-impieg. L-appellant ikompli jghid, li dak il-hin qallu li kien ahjar li kieku jitlaq min jeddu izda staqsieh biex jghatih xi ftit ta' zmien leave biex jahsibha. L-appellant jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu billi jghid, li wara xi gimgha mar ikellem lill-General Manager fejn qallu li kien biddel il-hsieb u ma kienx se jitlaq min jeddu. Invista ta' dan l-impieg tieghu gie itterminat mill-kumpanija.

Is-socjeta fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet, li nhar nhar is-Sibt 7 Settembru 2002, klijent li kien allogjat fil-lukanda mar biex jaghmel il-hlas tal-kont qabel ma jitlaq mill-lukanda u oggezzjona ghall-ammont li deher bhala spiza ta' telefonata li saret mill-kamra tieghu. L'imsemmi klijent kien insista, li qatt ma ghamel telefonata ghaliex fil-hin li saret it-telefonata huwa kien fuq tour. B'din l-oggezzjoni gie mgharraf id-duty manager fejn kellem lill-klijent u lill-mara tieghu. Wara konverzazzjoni qasira maghhom deher li l-klijenti kellhom ragun u saret skuza maghhom u ghal kull inkonvenjent li dan l-incident setgha kkawzalhom. Sussegwentament, id-duty manager gharraf lill General Manager bil-kaz u dan mill-ewwel beda nvestigazzjoni biex jara minn min u kif saret it-telefonata inkwestjoni. Irrizulta, illi it-telefonata saret propju waqt li r-rikorrent kien qieghed fil-kamra jisservizzja l-mini bar.

Is-socjeta tkompli tghid, li wara l-appellant gie imsejjah mill-kap tad-Dipartiment tieghu fejn staqsieh x'kellu xi jghid dwar dan l-incident. L-appellant ghall-ewwel cahad kull responsabilta' u dan baqa jghamlu ripetutament. Aktar tard, huwa ammetta illi ghamel din it-telefonata minghajr il-permess mehtieg. Il-Kumpanija tkompli tghid,

li gie spjegat lill-appellant bil-gravita tal-kaz u b'rizultat ta' dan gie itterminat l-impieg tieghu permezz ta' ittra datata 19 ta' Settembru 2002.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi fejn gie stabilit li l-appellant kien gie mpjegat fil-grad ta' Food & Beverage Oper 111, b'effett mill-24 ta' April 2000. Gie stabitlit ukoll quddiem it-Tribunal Industrijali, li matul iz-zmien li l-appellant kien fl'impieg qatt ma gie moghti twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

Mix-xhieda mressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-appellant kien ghamel telefonata mill-kamra li kienet okkupata minn klijent fil-lukanda u dan sar minghajr permess u bi ksur tar-regolamenti tal-post tax-xoghol. Jirrizulta wkoll mix-xhieda prodotta, li l-appellant qatt qabel ma kien kiser xi regolamenti tal-post tax-xoghol anzi kien deskritt mill-management li kien impjegat li kien jaqdi d-doveri tieghu korrettament u kien jeddeporta ruhu tajjeb fuq il-post tax-xoghol, ma dan kien hemm okkazzjonijiet li mar jixtri hobz u laham ghall-lukanda bil-karaozza tieghu minkejja li ma kienx parti mix-xoghol tieghu, kif ukoll li qatt ma gie kkumpensat ghall-uzu tal-karozza jew ghall-spejjez tal-petrol li ghamel. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant ghamel din it-telefonata ghax kellu bzonn ikellem lill-ommu u ma setghax jghamel modd iehor ghajr li juza t-telephone tal-kamra ghar-raguni li ma kienx permess li jgorr mobile phone mieghu kif ukoll li f'dak iz-zmien fil-post tax-xoghol ma kienx hemm facilita ta' telephone bi hlas ghall-haddiema bhalma jezistu f'hafna postijiet tax-xoghol ohra.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jghid, li l-appellant naqas serjament meta ghamel uzu bla permess min telephone ta' kamra fil-lukanda u l-kaz huwa aktar serju meta jigi kkunsidrat li f'dak il-hin din il-kamra kienet okkupata. Izda, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll diversi aspetti ohra ta' dan il-kaz fosthom; li matul il-hajja ta' l-impieg ta' l-appellant huwa qatt ma kellu twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub, kif ukoll li l-imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol mhux biss kienet dejjem koretta izda wkoll imgieba ta' koperazzjoni fejn kif

intqal quddiem it-Tribunal Industrijali, ghalkemm ma kienx parti mix-xoghol tieghu ma kienitx l-ewwel darba li mar jixtri hobz u laham ghall-lukanda minghajr qatt ma gie kkumpensat mhux biss ghal dan ix-xoghol izda wkoll ghall-uzu li ghamel bil-karozza tieghu u l-ispejjez tal-petrol. B'danakollu, ghalkemm dan ma jfissirx li l-appellant kellu xi dritt li jikser ir-regolamenti tal-post tax-xoghol tieghu, izda it-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni l-atitudni pozittiva ta' l-apellant li din tirrifletti l-karattru tieghu u ghal dan it-Tribunal Industrijali jasal ghall-konkluzzjoni li dak li ghamel l-appellant ma ghamlux bi skop li jikser ir-regolamenti tal-post tax-xoghol tieghu izda sforz l-urgenza u neccessita biex jkellem lill-ommhu.

DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali, wara li kkunsidra l-Istatements u s-Sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq jiddikjara, li fil-waqt li l-management tal-kumpanija kellu d-dover li jiehu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' l-appellant pero fic-cirkostanzi tal-kaz il-management setgha jikkunsidra passi dixxiplinarji ohra minflok dik estrema ta' tkeccija. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li ghalkemm l-appellant m'ghandux jinghata l-impieg lura huwa ghandhu jigi moghti kumpenss ta' LM650 ( sitt mija u hamsin lira Maltija) liema kumpenss ghandu jithallas mill-kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 8 ta' Awissu 2003.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM40 (erbghin lira Maltija).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju